Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 22
## It-Tlieta 16 ta'Frar 2021

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,

### PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**22.1 Attendenza.**

22.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti għas-seduta.

**22.2 Proġett Msida Creek**

22.2.01.1 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar xi artikli li dehru fuq xi ġurnali lokali fuq il-proġett ta'Infrastruttura Malta rigward il-Flyover ġol-Imsida u f'dan ir-rigward kien hemm kontroversja u kummenti fuq mezz tal -medja soċjali Facebook .Hawn kompliet tispjega li dan il-proġett ġa kien diskuss ġol-kunsill mal-Kunsilliera kollha, mill-aspett tal-parkeġġ u affarijiet oħra relatati f'seduti oħra fejn ukoll saret laqgħa mal-perit dwar kif jista' ssir il-ġnien. Fl-ahhar seduta L8-21 il-kunsilliera kienu nfurmati li kien hemm ġurnalisti li għamlu kuntatt biex jieħdu l-kummenti tagħha fid-dawl li hemm xi NGO's li qed jopponu li dan ssir u jekk kienx hemm ilmenti mir-residenti , għalhekk kien miftiehem li l-kunsill għandu jirrispondi b'komunikazzjoni b'mod uffiċjali li tkun maqbula bejn kulħadd u mhux kif ghamel is-Sur Selvaggi.

22.2.01.2 Wara li ikkunsidrat dak li qed jingħad u t-talba ta' Sur Charles Selvaggi hija taqbel biex ssir diskussjoni fuq dawn l-ahhar żviluppi għalhekk ġiet msejjħa din il-laqgħa b'urġenza. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li talbet lill Perit ta'Infrastruttura Malta biex tingħaqad online biex tispjega u twieġeb għall xi mistoqsijiet li jista' jkun hemm.

22.2.01.3 Is-Sur Charles Selvaggi qal li fil-prinċipju jaqbel li hemm bżonn ssir xi haġa iżda jixtieq jagħmilha ċara li wara li tkellem mal-grupp tiegħu fl-opinjoni tagħhom hija li ma jridx jkun hemm interpretazzjoni li hemm xi qbil unanimu tal-proġett kif huwa propost minn Infrastruttura Malta. Hawn kompla jispjega li wara tkellem ma xi nies jidher li hawn tħassib dwar iż-żewġt l-strutturi pedonali li se jkunu għaddejja minn fuq il-pjazza u jagħlqu il-ftit arja pubblika li għad fadal fl-Imsida. Filwaqt li minn dak li ħareġ sa issa għadu ma hemm xejn dwar jekk sarux studji għall-impatt li dawn se joħolqu kemm minn aspett Ambjentali u anke dawk soċjali jew kulturali.

22.2.01.4 Is-Sna Romina Galea wiegbet lis-Sur Selvaggi li kull meta gie diskuss il-progett

22.2.01.5 Is-Sur Emanuel Brincat qal li fil-fatt hemm tlett strutturi pedonali filwaqt li sa fejn huwa nfurmat l-Infrastruttura Malta intalbu traffic impact assesment liema informazzjoni hija pubblika u tinstab fuq is-sit għall-PA 2053/20.

22.2.01.6 Is-Sur Jean Claude Borg qal li jifhem li dawn l-istrutturi huma maħsuba għall-raġunijiet ta'sigurtà iżda fil-verità meta tħares lejhom b'mod viżwali dawn mhux se jagħmlu ġid għall-estetika tal-post. Għalhekk filwaqt li jaqbel li hemm bżonn ssir xi haġa għat-traffiku u jkun rranġat il-ġnien kif pjanat, għanda tinstab wkoll alternattiva oħra flok dawn l-strutturi u jintlaħaq kompromess.

22.2.01.7 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-andament ta'traffiku filgħodu ma għadux jeħel ħafna fejn osserva li dan qed jkun kontrollat mill-pulizija. Hawn ppropona biex il-kunsill iqabbad konsulenti li jkunu indipendenti minn Infrastruttura Malta biex joħolqu pjazza u jaħdmu biex joħorġu b'alternattivi oħra bħal eżempju Smart Traffic lights li kapaċi jikkontrollaw it-traffiku permezz ta'sensors li jkejlu u jagħtu preċedenza skond il-volum li jkun hemm b'hekk it-traffiku jkun jista' jmexxi aħjar u għal siegħa traffiku ma ssir struttura li titħassar il- pjazza.

22.2.01.8 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li taqbel jekk jkun hemm alternattiva għal-istrutturi li jkunu realistiċi u effettivi iżda b'traffic lights anke jekk smart, il-problema preżenti tat- traffiku wieqaf mal-lights xorta se tibqa u mhux xi alternattiva li se solvi xi haġa.

22.2.01.9 Is-Emanuel Brincat staqsa x jiġri jekk dawn it-traffic lights ma jaħdmux.

22.2.01.10 Is-Sur Charles Selvaggi qal li dak propost minn Infrastruttura Malta mhux bilfors huma soluzzjoni tal-problema u jista' jkun hemm soluzzjonijiet oħra għalhekk bħala l-grupp qed jiddikjara li huma kontra l-proġett kif hu.

22.2.01.11 Is-Sinjura Romina Galea qalet li kull kunsillier kien jaf u anke raw ilpjanti waqt seduti tal-kunsill u mal-perit, fejn ukoll kien hemm min għamel is- suġġerimenti tiegħu u anke kien hemm qbil għal dawn. Issa mhux sew li jintqal li ma tkunx taf kif ġej il-proġett u tiddikjara li int kontra meta qabel qatt ma ntqal hekk.

22.2.01.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li se tingħaqad online il-perit ta'Infrastruttura Malta Audrey Testaferrata Di Noto biex tagħti tagħrif fuq it-traffic impact assesment u twieġeb għal xi mistoqsijiet li jista' jkun hemm.

22.2.01.13 Il-perit Audrey Testaferrata Di Noto wasslet tagħrif dwar il-proġett li jikkonsisti żewġt flyover maħsuba għal traffiku li għaddej bejn l-università u l-Belt li jinkludi wkoll xogħolijiet biex jkunu rranġati problemi oħra fosthom kulverts,Storm water u interchange adegwat għal użu ta'trasport pubbliku. Bdiet biex tispjega l-kontenut ta'traffic impact assesment (Dok 1: Anness u kunsilliera preżenti ingħataw kopja) li jagħti dettalji ta'sitwazzjoni tal-volum ta'traffiku kurrenti u dak mistenni fuq medda ta'snin. Hawn kompliet tispjega il-mudell ta'simulazzjoni mibnija fuq data miġbura u l-impatt previst bil-proġett hekk kif propost meta jkun lest u jew jekk dan ma jsir xejn.

22.2.01.14 Il-Kunsilliera preżenti għamlu numru ta'mistoqsijiet dwar -

M.B.C Jekk kienx hemm studju fuq impatt ambjentali u soċjali
C.S & E.B Il-bottle neck ma'dawra ta'Skate Park

| | |
|---|---|
| | Tweġiba : Sal-mument intalab It-traffic impact assesment report u l-proġett huwa mfassal biex it-traffiku jimxi , ma jeħilx fiċ-ċentru u jilqa' għas-sitwazzjoni ta' volum li mistennija tiżviluppa il' quddiem għal iktar karozzi fit-toroq msemmija iżda li ma tinkludix l-iskate Park. |
| C.S , M.A , J.C.B | l-strutturi pedonali li se jkerrhu il-pjazza u il-prattiċita ta'aċċess biex jintużaw |
| C.S & J.S & N.J.B | Tinbidel is-sistema preżenti u jsiru miżuri ta' traffic management bħal smart traffic lights u biex jitnaqqas il volum ta' traffiku li jgħaddi mill-qalba tal- Imsida |
| | Tweġiba : L-istrutturi pedonali ġew maħsuba biex joffru aċċess sigur għax it-traffic lights ma għadhomx qed jlaħħqu mal-kwantità ta'nies li jridu jaqsmu min-naħa għal oħra. Dan qed iwasslu għal aktar volum ta'traffiku wieqaf ħdejhom u anke periklu. Dwar l-aċċess tal-istrutturi is-sejħa tipprovdi wkoll għal manutenzjoni regolari tal-lift u staqsiet lill kunsill minn fejn qed jipproponi li jgħaddi it-traffiku għax is-sitwazzjoni tal-volum se tibqa l-stess u kull ma jista' ssir huwa li tmexxi il-problema għal go post ieħor. |
| A.F & M.A | B'referenza għall mina ta'Għawdex issemmiet alternattiva biex l-aċċess pedonali ssir taht l-art b'rampi u lift. |
| C.S & M.A & E.B | Biex Infrastruttura Malta tikkunsidra proposti u alternattivi oħra għal proġett li x wħud minnhom ġew msemmija minn xi organizzazzjonijiet. |
| | Tweġiba : Jekk issolvi l-element tal-baħar minn problema xorta hemm problemi u limitazzjonijiet oħra minħabba regolamenti ta' standards u qies għal rampi li jridu jinfirxu mal-ħruġ u affarijiet oħra li mhux faċli kemm taqbad tgħid u tagħmel. F'rigward ta' alternattivi I.M tikkunsidra kull proposta għal soluzzjonijiet minn kull min jixtieq jagħmilhom sakemm dawn jkunu preżentati bi studji u materjal ieħor neċessarju. |
| 22.2.01.15 | Is-Sur Emanuel Brincat ssuġġerixxa biex jkunu formulati numru ta'mistoqsijiet u jsiru proposti biex jintbagħtu lill IM bħala alternattiva filwaqt li l-kunsill għandu jiddeċiedi meta u kif se ssir laqgħa ta'konsultazzjoni pubblika għal dan il-għan. |
| 22.2.01.16 | Is-Sur Charles Selvaggi reġa' iddikjara li huwa kontra il proġett kif propost u jħoss li l-kunsill għandu jħares il barra mill-kaxxa u jfittex ideat li jistgħu jkunu fattibbli u joffru soluzzjoni fl-aqwa interess tal-lokalita'. Għalhekk qed jaqbel li ssir konsultazzjoni pubblika ma' perit indipendenti li jinnota dak li jintqal u joħroġ bl-ideat. |

22.2.01.17 Is-Sur Nicholas Chircop  tkellem dwar dak li ra ftit ġranet qabel fuq proposti ta' xi NGO's għal Triq Sant Anna l- Furjana. Din għalih hi proposta ideali għax fil-pjazza tkun kollha zona pedonali u ferm isbaħ mingħajr  traffiku. Iżda trid tkun realistiku u tara l-aħjar li jista’ ssir għalhekk jixtieq isaqsi lis-Sur Charles Selvaggi < u Maurice Agius >liema huma dawk l-affarijiet li qed iddejqu u dawk l-affarijiet li jistgħu jkunu tajbin biex jkun ċar fuq x’hiex qed ssir il-laqgħa ta'konsultazzjoni.

Mizjuda:<u Maurice Agius>

22.2.01.18 Is-Sur Charles Selvaggi wieġeb li l-strutturi pedonali mhux posthom hemm filwaqt li l-kunsill jrid jkun magħqud u jara l-kwistjoni ta'traffiku kif se teffettwa l-Imsida. Għalhekk jrid li jkunu studjati u kunsidrati sew kull idea u proposti innovattiva li jistgħu joffru soluzzjoni anke għall-parkeġġ fejn tista’ tinstab art privata li jidħol il-Gvern għalija u nsalvaw dak l-spazju li fadal fiċ-ċentru.

22.2.01.19 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li huwa fatt li hawn problema kbira kawżata minn traffiku li dejjem qed jiżdied u kif jaf kulħadd qed jikkawża problemi oħra aktar serji bħal tniġġis fl-arja. Għalhekk huwa importanti li il-proposti jkunu realistiċi u li jistgħu joffru soluzzjoni vera għal problema u mhux biċċiet ta'ideat li ma jwasslu mkien.

22.2.01.20 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dwar kif tista’ ssir u titmexxa il-laqgħa pubblika filwaqt li Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li jridu jkunu kunsidrati iċ-ċirkostanzi preżenti fejn min se jattendi jrid javża minn qabel minħabba l-miżuri għal Covid-19 .

22.2.01.21 Is-Sur Charles Selvaggi ssuġġerixxa biex jekk jkun hemm bżonn dawn jkunu maqsuma f’numru ta’laqgħat differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li la darba il-kunsill jiddeċiedi dwar il- perit u x'jrid eżatt waqt il-laqgħa pubblika dan jistgħu jkun pjanata u joħroġ l-avviż.

22.2.01.22. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ssuġġeriet li dawn jistgħu jkunu diskussi fis-seduta li jmiss f'żmien ġimgħa.

22.2.01.23 Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**22.3 Tmiem tal-laqgħa.**

21.3.01 Il-laqgħa b'urġenza ntemmet fit-6:48 ta' filgħaxija . U seduta li jmiss se tkun kif skedata fil minuti  21.8.01 nhar it-Tlieta 23 ta'Frar 2021.

Minuti konfermati, illum 23 ta'Marzu 2021.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |